KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 16_18/04/07/V

# MINUTI TAS-SITTAX IL-SEDUTA

**Is-sittax il seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 18 t' April, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Ezekuttiv :** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-agenda:

**1. Qari u Approvazzjoni ta' Minuti**
**2. Materji konessi mal-Minuti**
**3. Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
**4. Komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
**5. Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
**6. Approvazzjoni tal-Budet 2007-2008**
**7. Deċiżjoni dwar it-*tender* għal xiri tal-Van tal-Kunsill**
**8. Proġett f'Tas-Sliema bl-għajnuna tal-MTA**
**9. Deċizjoni dwar it-triq ta' 450 metru kwadru li għandha ssir minn Polidano Bros flok il-ħlas dovut.**
**10. Affarijiet Oħra**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

### Seduta Numru 14

1.1 L-unika korrezzjoni saret f'paġna 4 artiklu 4.4 fejn minflok "Il-**kunsillier L Vella**" għandha tidħol il-frażi "**Il-Viċi Sindku w il-kunsillier M Aquilina.**"

1.2 Il-minuti kif emendati ġew approvati bi qbil unanimu.

### Seduta Numru 15 (Ad Hoc)

1.3 Saret korrezzjoni f'paġna 2 artiklu 1.1 fejn fl-aħħar tal-paragrafu għandha tidħol il-frażi "**mill-MEPA.**"

1.4 Il-minuti kif emendati ġew approvati bi qbil unanimu.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 2.0 MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

**Seduta numru 14**

2.1 Il-kunsillier J Galea staqsa x'kien sar rigward l-*iskateboard park* (paġna 4 artiklu 4.10). Il-kunsillier M Briguglio rrefera għall-laqgħa li kienet saret fil-passat mas-sur Michael De Marco għan-nom tal-*Malta Skateboards Assosciation.* Saret diskussjoni dwar min għandu japplika għall-permessi neċessarji. Il-Viċi Sindku qal li fl-istess sit, kien hemm talba li jsir *pitch* tal-boċċi iżda l-kunsill preċedenti ma kienx qabel ma din it-talba. Ġie kkonfermat li l-art konċernata hija art pubblika. Il-kunsillier M Briguglio qal li d-diviżjoni tax-xogħlijiet kienu offrew li jagħmlu x-xogħlijiet huma fil-passat. Il-kunsill iddeċieda li għandu jiltaqa' mar-rappreżentanti tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet dwar dan il-proġett.

2.2 Il-kunsillier L Vella rrefera għal paġna 4 artiklu 4.5 rigward il-laqgħa li kienet saret ma rappreżentanti dwar l-iżvilupp fi triq il-Kbira. Is-sindku wieġbet li kienet se tirreferi għal dan is-suġġett waqt komunikazzjoni mis-Sindku.

2.3 Il-kunsillier L Vella rrefera għal paġna 4 artiklu 4.6 u staqsa jekk hux se jerġgħu jitpoġġew l-istess ammont ta' bankijiet f'Għar id-Dud. Is-sindku wieġbet li kienet iċċekkjat u kkonfermat li se jerġgħu jitpoġġew kollha. Saret diskussjoni li għandna ninfurma lill-ELC dwar il-possibbilta' li jkun hemm fjuri wkoll f'din iż-żona. Ġie deċiż ukoll li s-sottokumitat għandu jressaq għall-attenzjoni tal-kunsill, il-proposti tiegħu biex is-servizz ta' manutenzjoni ta' ġonna jinqasam f'iktar żoni qabel ma tinħareġ is-sejħa għall-offerti. Ġie deċiż ukoll li l-palm li kienu ġew offruti mingħand kuntrattur għandhom jitqiegħdu x-xatt fiċ-*centre strip* fiż-żona ta' ħdejn il-Forestals.

2.4 Il-kunsillier L Vella ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li x-Xatt fejn il-monument tal-gwerra hemm bżonn li jsir it-tikħil u tibjid neċessarju.

2.5 Il-kunsillier M Briguglio rrefera għal paġna 2 artiklu 2.2 u staqsa jekk kienetx inġabret l-informazzjoni dwar l-individwu li kellu jagħti madwar Lm 26,000 (€ 60563.70) f'ċitazzjonijiet. Il-kunsillier N Dimech wieġeb li l-ammont ta' ċitazzjonijiet kienu jammontaw għal total ta' madwar Lm 30,000 (€ 69881.20) u jismu Ray Cortis u li l-kumitat konġunt kienu se jieħu l-passi neċessarji dwar dan il-każ.

2.6 Il-kunsillier M Briguglio rrefera għal paġna 2 artiklu 2.4 rigward il-linji sofor li hemm quddiem garaxx fi triq Depiro. Il-kunsillier M. Briguglio insista li wieħed mhux qed ikun jista jdaħħal il-karozza fil-garaxx meta jkun hemm xi karozza pparkjata fil-linji sofor. Għalhekk għandu jkun hemm *double yellow lines* minflok linji sofor, speċjalment meta (1) l-wisgħa tat-triq hi skond dak ipprovdut mill-ADT, u għalhekk tikkwalifika għall-*double yellow lines*, u (2) meta garaxxijiet oħra fl-istess sitwazzjoni f'Tas-Sliema għandhom *double yellow lines* quddiemhom. Is-sindku wieġbet li konna għadna ma rċevejna xejn mingħand l-ADT. M. Briguglio talab biex ikun avżat malli l-Kunsill jirċievi xi ħaġa mill-ADT f'dan ir-rigward.

2.7 Il-kunsillier M Briguglio (b'referenza għal paġna 4 artiklu 4.1) rrefera għar-rapport li kien daħal il-kunsill fejn gwardjan kien mar jissorvelja s-sit ta' kostruzzjoni u sab xi ħaddiema li kienu se jibdew jaħdmu fis-6.30a.m. Il-kunsillier M Briguglio qal li l-kuntrattur ġieli jaħsel it-triq iżda hemm ħafna *bricks* mxerdin. Is-sindku wieġbet li se ngħaddu dan ir-rapport għall-attenzjoni ta' l-avukat tal-kunsill biex tittieħed l-azzjoni neċessarja.

*Seduta Numru 15 (Ad Hoc)*

2.8 Il-kunsillier L Vella rrefera għall-artiklu 1 u qal li la r-risposta mingħand is-sur Bernard Ferry kienet li ma kienx se jattendi, dan ifisser li ma kienetx se ssir laqgħa ta' konsultazzjoni u dan skond id-deċiżjoni li kienet ittieħdet waqt l-aħħar seduta.

## 3.0 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU / SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Rigward ir-risposta mingħand is-sur George Vella (Kumitat għat-tismija ta' toroq) li ma qablux mal-proposta tal-kunsill rigward il-bdil ta' l-isem ta' żewġ toroq, il-kunsill iddeċieda li għandna nerġgħu nappellaw fuq ir-raġuni li f'postijiet oħra kienu aċċettaw li jinbidlu l-ismijiet tat-toroq u minħabba l-fatt li dawn kienu żewġ personaġġi li taw kontribut kbir lill-lokalita' kif ukoll lill-pajjiż.

3.2 Is-sindku ġibdet l-attenzjoni tal-kunsill li konna rċevejna xi korrispondenza li kienet se żżur Malta delegazzjoni minn Les Sables d'Olonne li kienu se jaslu Malta fl-1 ta' Mejju 2007 u kienu se jitilqu lura fl-4 ta' Mejju 2007. Il-kunsillier L Vella qal li konna ġejna mistiedna wkoll sabiex delegazzjoni minn Malta terġa titla. Il-kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat *email* sabiex inġibu iktar informazzjoni dwar l-arranġamenti tagħhom għal din iż-żjara sabiex inkunu nistgħu niltaqgħu magħhom u fl-istess ħin nilqawhom.

3.3 Saret referenza għar-risposta li kien bagħat is-sur Bernard Ferry li huwa l-*Case Officer* rigward il-proġett *Townsquare* liema kopja kienet diġa' intbagħtet għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha.

3.4 Kien hemm qbil unanimu favur it-talba mill-għaqda *Curtain Raiser Theater Troupe* sabiex jorganizzaw attivitajiet għat-tfal nhar it-Tlieta 1 ta' Mejju 2007 u nhar il-Ħadd 13 ta' Mejju 2007 billi jtellgħu tinda ħdejn il-bandli fi triq it-Torri.

3.5 Is-sindku rreferiet għal *email* li konna rċevejna mingħand is-sur Ronald Calleja u spjegat li kienet tneħħiet *Reserved Parking* bay waħda mill-kunsill minħabba li r-resident konċernat kien telaq iżda kien għad fadal oħra ħdejha għall-użu pubbliku. Is-sindku fuq l-istess suġġett irreferiet għal każ tas-sinjura Engerer fejn it-talba tagħha għal *reserved parking bay* ma kienetx ġiet milqugħa mill-ADT u mill-bord ta' l-appell u li l-kunsill kien irrispondiha li diġa' kien hemm żewġ *reserved parking bays* oħra fl-istess triq.

3.6 Is-segretarju eżekuttiv spjega li skond ir-rekwiżiti tal-polza ta' assigurazzjoni, hemm bżonn li kull sitt xhur issir spezzjoni ta' kull *playing field* minn uffiċċjal ta' xi kumpanija tal-*Health and Safety*. Is-segretarju eżekuttiv spjega l-importanza li jsiru dawn ir-rapporti fuq esperjenza li kellu fil-kunsill lokali preċedenti u ppreżenta tlett kwotazzjonijiet li kien irċieva l-kunsill wara li kien nkiteb artiklu fuq gazzetta lokali rigward l-istat ta' żurżieqa fi Qui Si Sana. Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta dawn il-kwotazzjonijiet:-

| | |
|---|---|
| Charles Azzopardi | Lm 118 (€ 274.86) prezz globali għal 3 *playing fields* |
| Aldo Busuttil | Lm 169 + VAT (€ 393.66) għal kull żona |
| MSB Valletta | Lm 409.12 (€ 952.99)prezz globali għal 3 *playing fields* |

Ġie deċiż li tingħażel l-istima tas-sur Charles Azzopardi liema rapport għandu jibda jsir kull 6 xhur skond kif hemm stipolat il-polza ta' assigurazzjoni.

3.7 Ġie deċiż li jinxtara s-*software Microsoft Office 2003* mingħand *C Planet solutions* li huwa neċessarju minħabba li s-sistema ta' l-*emails* fil-kunsilli lokali kollha se tinbidel minn *Teamware* għal *Microsoft Outlook* u dan sabiex il-kunsill ikun jista jżomm kopja tal-posta elettronika li tidħol u li toħroġ.

3.8 Il-kunsill lokali qabel mat-talba tas-sinjura Christine Xuereb li jibdew festival ta' l-arti fix-xhur ta' Ġunju u Settembru iżda mhux kull nhar ta' Sibt kif talbet minn naħa tagħha u dan minħabba n-numru ta' attivitajiet li jsiru. Il-kunsill qabel ukoll li għandha ssir talba individwali għal kull attivita' u li trid issir applikazzjoni minn xahar qabel għal kull attivita'.

3.9 Rigward it-talba tas-sur Eman Pulis sabiex issir esibizzjoni tul il-promenade b'wirja ta' ritratti, il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita' u li għandu jgħin lis-sur Pulis sabiex iġib il-permessi mill-Enemalta wkoll. Il-kunsill ma laqax it-talba tas-sur Pulis li l-kunsill jipprovdi l-ispejjeż tal-pulizija u tal-gwardjani għal din l-attivita' li se tinżamm fuq medja ta' ġimgħatejn.

3.10 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-ispeċifikazzjonijiet tal-*Contracts Manager* li kien bagħat għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha u li kien bagħat żewġ kopji differenti. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li għandu jiġi kkonsultat l-avukat qabel ma jinħareġ it-tender. Madankollu l-kunsillier M Briguglio ġibed l-attenzjoni li min japplika jrid jiddikjara li ma jkollu l-ebda konflitti ta' interessi ma kumpaniji relatati.

*Il-kunsillier M Debono daħal fis-6.07 p.m.*

Is-suġġett tal-*Contracts Manager* ġie diferit għal seduta oħra.

3.12 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-laqgħa li kienet saret ma rappreżentanti tad-*Douzelage* u qassam kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa. Il-kunsillier J Galea esprima l-parir tiegħu li l-kunsill m'għandux jidħol f'din il-għaqda għal bosta raġunijiet. Il-kunsillier L Vella qal li aħjar li nkomplu fuq il-ġemmellaġġ li għandna ma' *Les Sables d'Olon*ne. Il-kunsillier M Briguglio rrefera għal *URBACT* li huwa mezz kif il-kunsill lokali jista jibbenifika minn fondi ta' l-

Unjoni Ewropeja. Saret diskussjoni dwar lil min il-kunsill jista jqabbad fuq proġetti bħal dawn. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-kunsill kellu xi kuntratt diġa' dwar is-servizz ta' kif il-kunsill ikun jista jikseb xi fondi mill-Unjoni Ewropeja. Ġie deċiż li l-kunsill għandu jagħmel appuntament mas-sinjorina Marie Briguglio, li taħdem fil-qasam fil-MEPA u li tista' tiggwida lill-Kunsill Lokali dwar x'fondi jeżistu biex il-Kunsill ikun jista' japplika għalihom.

3.13 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-laqgħa li kienet saret ma' rappreżentanti ta' *Sliema Wanderers* F.C u tqassmet kopja lill-kunsilliera kollha. Is-sindku qalet li kienet se toħroġ mill-kamra sabiex ma tiskomoda lil ħadd. Il-kunsillier N Dimech iddikjara wkoll li kien se joħroġ mill-kamra minħabba li huwa kien membru fil-kumitat ukoll. Il-kunsillier M Debono iddikjara wkoll li kien membru f'dan il-kumitat. Il-kunsilliera l-oħra preżenti nsistew li dawn il-kunsilliera għandhom jibqgħu fil-kamra. Il-kunsill iddeċieda li rigward il-logo, il-kunsill jaċċetta iżda li jkun hemm rappreżentanza wkoll minn naħa ta' *Sliema Wanderers* fl-għażla. Il-kunsill iddeċieda li fil-każ li jagħmel il-kalendarju, dan il-kalendarju għandu jsir bir-ritratti tal-klabb tal-futbol f'egħluq iċ-ċentinarju iżda li jkun hemm ukoll l-emblema tal-kunsill sabiex jindika li dan huwa l-kalendarju tal-kunsill. Il-kunsill qabel ukoll li għandu jgħinhom sabiex ikunu jistgħu jtellgħu l-wirja ġewwa s-sala Deporres. Il-kunsill iddeċieda wkoll li għandna niksbu iktar informazzjoni dwar dawn il-kotba qabel ma jkun jista jieħu deċiżjoni dwar din it-talba.

3.14 Is-sindku rreferiet għall-laqgħa li kienet saret dwar il-kwistjoni ta' Triq il-Kbira u tqassmu kopja tal-minuti dwar din il-laqgħa. Is-sindku spjegat li wara din il-laqgħa u wara li saret spezzjoni fuq il-post kien ġie deċiż li l-perit A Conti mill-ADT għandha tmur timmarka l-postjiet fejn għanda tinqala t-triq u jingħata l-asfalt. Is-sindku qalet li l-kunsill se jżomm il-garanzija bankarja sabiex jissalvagwardja l-interessi tiegħu. Il-perit tal-kunsill għandu jmur jiċċekkja wara li jsiru dawn il-marki.

3.15 Is-sindku rreferiet għall-laqgħa li kienet saret mas-sur Stephen Vella li qed jipprepara s-*Social Impact Assessment* għal proġett ta' TownSquare. Il-kunsillier M Debono qal li ma kienx attenda għal din il-laqgħa minħabba li s-*schedule of meetings* li kienet tinkludi din il-laqgħa waslet għandu dakinhar filgħaxija. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li kien se jiċċekkja dwar dan. Is-sindku wieġbet li hija xorta waħda kienet sostniet li għandu jiltaqa' mal-kunsilliera l-oħra. Ġie deċiż u anke kkonfermat mas-sur Stephen Vella li kienet se ssir laqgħa nhar il-Ġimgħa 20 t'April 2007 fit-8.30 a.m.

3.16 Is-sindku qalet ukoll li l-għada kienet se ssir laqgħa ma rapprezentanti ta' GAP wara li l-perit tal-kunsill kien bagħat lista ta' rekwiżiti u konna se niltaqgħu biex nisimgħu r-risposti tagħhom. Il-kunsillier M Debono talab li jingħata r-rekwiżiti li ntalbu mil-perit tal-kunsill u ngħatat kopja lil kull kunsillier preżenti.

3.17 Is-sindku rrefera għall-laqgħa li kienet saret dwar il-ħamiem u tqassmet kopja tal-minuti u tal-*Bye-Laws* tal-Furjana dwar ħamiem lill-kunsilliera kollha. Is-sindku qalet li waqt din is-seduta l-maġġoranza tan-nies preżenti qablu li l-kunsill jippubblika *Bye-Laws* simili bħal dawk li kien ħareġ il-kunsill lokali

tal-Furjana sabiex tipprojbixxi lill-pubbliku sabiex jitma lill-ħamiem selvaġġ. Il-kunsillier M Briguglio ppropona li għandha titniżżel ukoll klawżola li jkun hemm nies awtorizzati mill-kunsill sabiex ikunu jistgħu jitimgħu lill-ħamiem selvaġġ b'ikel sabiex dawn il-ħamiem ma jkunux jistgħu jipproduċu iktar. Is-sindku ppproponiet li tgħaddi *Bye-Laws* simili għal dik maħruġa mill-kunsill lokali tal-Furjana u li meta jiġi approvat dan l-ikel mill-awtoritajiet konċernati għandha ssir emenda għall-istess *Bye-Laws*. Il-kunsillier L Vella ssekonda. Il-votazzjoni kienet

6 Favur 1 Kontra 2 Astensjonijiet

3.18 Il-kunsillier M Briguglio ppropona li mal-*Bye laws* għandha tiżdied il-klawżola li l-kunsill jista jawtorizza lin-nies approvati mill-kunsill stess sabiex ikun jista jitma lill-ħamiem b'ikel approvat mill-istess kunsill. Il-kunsillier M Aquilina ssekondat. Il-votazzjoni kienet 3 Favur 6 Kontra. √

3.19 Rigward it-talba minn *Lighthouse Communications* biex issir attivita' f'Għar id-Dud (bejn il-Fortizza u l-Gabbana) il-kunsill iddeċieda li japprova din l-attivita' u li għandu jħallas l-ammonti dovuti lill-kunsill skond il-liġi. Rigward il-logħob tan-nar għal din l-istess attivita' għandu jingħata l-permess tal-pulizija.

3.20 Is-segretarju eżekuttiv qara l-ittra li konna rċevejna mingħand il-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi datata 5 t'April 2007 fejn urew biċ-ċar li bħala Federazzjoni ma qablux mas-suġġeriment tal-kunsill li huma jiktbu lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Ġie deċiż li l-kunsill lokali japprova l-proġett tagħhom fil-prinċipju iżda li s-sit irid jiġi approvat mill-Awtoritajiet konċernati għaliex l-art pubblika ma tappertjenix lill-kunsill.

3.21 Is-sindku rreferiet għat-talba mingħand l-HSBC sabiex il-Kunsill ikun jista jgħin biex issir ATM fi triq it-Torri ħdejn is-Surfside restaurant, minħabba li l-MEPA ma kienetx taqbel mal-proposti tagħha. Peress li l-kunsill ma jista jagħmel xejn f'din iċ-ċirkostanza, għandna nirrisponduwhom b'dan il-mod. √

3.22 It-talba mill-*Focolare Movement* sabiex issir attivita' bħas-snin ta' qabel f'Tas-Sliema ġiet approvata.

*Il-kunsillier N Dimech kien skużat fis-7.05 p.m.*
*Il-kunsilliera M Debono u M Aquilina ġew skużati fis-7.06 p.m.* √

3.23 Is-sindku rreferiet għal *email* li konna rċevejna mingħand Daniela Grech għan-nom tal-Wasteserv fejn kienet talbet lill-kunsill jindika preċiżament fuq ir-ritratti li kienet bagħtet fejn se jitqiegħdu l-*Bring In sites* (BIS) u dan sabiex tkun tista ssir il-pjanta li kellha tiġi sottomessa lill-MEPA.

Rigward il-BIS fi triq Manwel Dimech, il-kunsill iddeċieda li l-BIS għandhom isiru taħt l-art minflok il-lattrina preżenti bil-kundizzjoni li jinstab post ieħor għal din l-istess lattrina pubblika. Kif kien ġie propost mill-Ministeru għall-Ambjent u Affarijiet Rurali fil-laqgħa li kellu mal-Kunsill dwar il-BIS, dan

jista jkun il-garaxx tal-pulizija li jinstab fi Triq Manwel Dimech ma' Triq Rudolfu (eżatt ma' l-għassa) li mhuwiex qiegħed jintuża bħalissa.

Fi triq Rudolfu (in-naħa tal-Lukanda Imperial), il-kunsill kien informa li l-post mhuwiex pubbliku iżda privat u allura mhumiex se jsiru hawnhekk.

Il-kunsill issuġġerrixxa li l-BIS fi triq it-Torri (Fond Għadir) għandhom isiru taħt l-art ukoll.

Rigward ix-Xatt, il-kunsill għad irid jieħu r-ritratti u jibgħat lil Wasteserv il-post idejali.

Rigward il-BIS fi Triq it-Torri (taħt il-kunvent tal-Karmelitani) il-Kunsill qabel li għandha ssir fuq il-bankina ħdejn l-istess kunvent (faċċata tat-tabella 'Merħba ta' Tas-Sliema).

Il-kunsill ma qabilx li għandhom jitqiegħdu BIS Tigne' fejn il-Holiday Inn għalissa.

*Il-kunsillier N Dimech daħal fil-kamra fis-7.15p.m.*
*Il-kunsillier M Briguglio kien skużat mil-kamra fis-7.15p.m.*

3.24 Is-sindku rreferiet għal *email* li konna rċevejna mingħand A Testaferrata de Noto li l-*motorcycle bay* fi triq il-Kbira kienet se titneħħa mit-*Traffic Management Unit*. Is-sindku qalet li kienet kellmet lill-ispettur u kien taha l-parir li għalissa nħallu kollox kif inhu sakemm ineħħuha l-ADT. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsillier M Briguglio daħal fil-kamra fis-7.18 p.m.*

3.25 Is-sindku rreferiet għal *email* li kienet intbagħtet mingħand is-sur Joe Morana rigward problemi kkawżati mit-traffiku minħabba l-iżvilupp f'Tas-Sliema. Il-kunsillier M Azzopardi qalet li l-ADT kienu qegħdin jistudjaw il-possibilta' li jsiru *traffic lights*.

3.26 Is-sindku ssospendiet il-laqgħa fis-7.20 p.m. sabiex ikun jista jitkellem is-sur Morana u jispjega iktar fid-dettal il-kontenut ta' l-email tiegħu. Is-sur Morana għandu jibgħat lill-kunsill studju li kien sar mill-ADT dwar it-traffiku li jgħaddi minn triq Rudolfu. Il-laqgħa kompliet fis-7.29 p.m.

*Il-Viċi Sindku kien skużat fis-7.30 p.m.*

3.27 Il-kunsillier L Vella qal li aħjar li l-kunsill jagħmel studju dwar id-dħul u ħruġ ta' vetturi minn Tas-Sliema. Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li għalkemm il-kunsill kien iddeċieda li jagħmel studju dwar it-traffiku f'Tas-Sliema ma kienx speċifika l-kriterji għal dan l-istudju u d-deċiżjoni kienet wisq ġeneralizzata anke minħabba l-fatt li ma ssemmewx żoni jew toroq partikolari. Il-kunsill iddeċieda li qabel ma jsir l-istudju mill-kunsill, għandu jikseb l-informazzjoni kollha mingħand l-ADT dwar l-istudji li saru minn naħa tagħhom fuq l-impatt tat-traffiku.

3.28 Is-segretarju eżekuttiv għarraf lill-kunsill li l-polza ta' assigurazzjoni tal-kunsill kienet waslet biex tagħlaq u għalhekk kien għaqli li l-kunsill jiddeċiedi li jġedded il-polza preżenti għal sena oħra. Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-aġenzija ta' l-assigurazzjoni preżenti kellha d-dmir li tinforma lill-kunsill li qabel ma tiġġedded il-polza, il-kunsill kellu l-obbligu li jagħmel ir-rapport dwar sigurta' skond kif hemm stipolat fil-kundizzjonijiet tagħha u dan m'għamlitux. Kien hemm qbil unanimu li kellha tiġġedded il-polza ta' assigurazzjoni għal sena oħra.

3.29 Is-sindku nfurmat lill-kunsilliera li l-kunsill lokali ta' Tas-Sliema kien ġie r-*runner up* għaż-żamma ta' indafa fil-lattrina pubblika li tinsab fi triq it-Torri. Ġie deċiż li għandu jsir *frame* u jitwaħħal f'din il-lattrina.

3.30 Il-kunsill m'aċċettax it-talba mingħand id-Djakonija Anzjani, Parroċċa Sacro Cuor sabiex jorganizza l-festi tal-Milied għall-anzjani minħabba li l-kunsill jagħmel attivitajiet simili u l-anzjani kollha ikunu mistiedna.

3.31 Is-segretarju eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera li kien se jinħareġ tender ġdid għas-servizz ta' marki u sinjali tat-traffiku.

3.32 Ġie approvat li nħallsu Lm12 (€ 27.95) sabiex tiġi esibita qoffa bil-ħxejjex fil-wirja annwali għan-nom tal-kunsill lokali Tas-Sliema "*The Great Spring show*" li se ssir fil-5 u 6 ta' Mejju 2007.

3.33 Is-sindku rreferiet għal *email* li konna rċevejna mingħand Sara Ellul għan-nom ta' *Fresh Young Enterprise* minn San Alwiġi fejn talbu li jridu jgħinu lill-kunsill f'xi attivita' bħal tindif. Il-kunsill iddeċieda li għandna ngħidulhom sabiex inaddfu t-turġien li jagħtu għax-xtut fi triq it-Torri kif ukoll id-dawra ta' wara ċ-ċint tax-Xatt.

3.34 Il-kunsill lokali approva l-attivita' proposta minn grupp ta' studenti minn De La Salle fejn se jagħmlu promozzjoni għat-tindif tal-ħmieġ tal-klieb, matul il-promenade.

3.35 Rigward l-ittra mis-*South Sea House Owner's Association* sabiex jitqiegħdu reċipjenti ta' l-iskart fuq barra, il-kunsill ma qabilx mal-proposta fil-każ li se tokkupa parti mil-bankina li hija art pubblika, filwaqt li jekk dawn ir-reċipjenti jaqgħu f'art privata għandha ssir applikazzjoni lill-MEPA.

## 4.0 KOMUNIKAZZJONIJIET U APPROVAZZJONI TA' ĦLAS TA' PAGAMENTI

4.1 Ġew imqassma żewġ paġni oħra ta' pagamenti waqt is-seduta. Il-pagamenti minn ċekk numru 8524 sa 8589 kollha ġew approvati bi qbil unanimu.

## 5.0 MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA

5.1 Il-kunsillier L Vella qal li hemm bżonn li d-dehra tal-website tinbidel ftit.

5.2 Il-kunsillier L Vella qal li rigward il-kappella fi triq il-Kbira għandna nqabbdu lill-avukat tagħhna sabiex jikteb lill-kuntrattur (*Magħtab Construction*) u lil *AX Holdings* biex jieħu l-miżuri kollha neċessarji minħabba li l-kappella mhijiex stabbli. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.3 Il-kunsillier L Vella ppropona li l-bankina fi triq St Pius V qiegħda fi stat diżastruż u li hemm bżonn li l-bankina tinbidel u tidjieq ukoll. Ġie deċiż li għandna nġibu stima mingħand il-kuntrattur tal-kunsill.

5.4 Il-kunsillier L Vella rrefera għal permessi tas-siġġijiet u mwejjed li ma kienx ġie approvat mil-kunsill quddiem is-sala Deporres. Is-sindku rrispondiet li l-kunsill kien kiteb dwar dan il-każ.

*Il-kunsillier M Briguglio kien skużat fis-7.47 p.m.*

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2007-2008

6.1 Il-budget ġie ppreżentat mis-segretarju eżekuttiv u ġie approvat bi qbil unanimu.

## 7.0 DEĊIŻJONI DWAR IX-XIRI TAL-VANN TAL-KUNSILL

7.1 Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjonijiet li kien ġab wara li d-Dipartiment għal Gvern Lokali kien tah il-permess li jinġabu kwotazzjonijiet għax-xiri tal-vann minħabba li l-ammont jaqbeż iċ-ċifra ta' Lm2000 (€ 4658.74) u minħabba li l-kunsill kien ħareġ sejħa għall-offerti f'żewġ ċirkostanzi diġa'.

Il-kwotazzjonijiet kienu dawn:

| | | |
|---|---|---|
| Kia Motors | FAW CA 6350 | ✓Lm 4600 (€ 10715.11) (showroom price) |
| Ucim Co. Ltd | Fiat Doblo Cargo | Lm 6700 (€ 15606.80) (showroom and reg. tax) |
| Michael Attard | Peugeot Partner | Lm 7130 (€ 16608.43) |
| Fuji(Subaru) | Changhe | Lm 4700 (€ 10948.05) (showroom price) |

Ġie deċiż li għandna nixtru l-vann FAW minn KIA motors u dan minħabba li l-magna tiegħu kienet ikbar minn dak offrut mingħand ix-*showroom* tas-Subaru filwaqt li kienet ukoll l-orħos offerta.

## 8.0 PROĠETTI F'TAS-SLIEMA BL-GHAJNUNA TAL-MTA

8.1 Il-kunsillier L Vella ppropona li nagħmlu l-isqaqien li għandna f'Tas-Sliema. Is-sindku ssekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-kunsillier M Azzopardi għarrfet lill-kunsill li l-persuna konċernata huwa l-perit Fsadni.

9.0 **DEĊIŻJONI DWAR IT-TRIQ TA' 450 METRU KWADRU LI GĦANDHA SSIR MINN POLIDANO BROS FLOK IL-ĦLAS DOVUT.**

9.1 Saret diskussjoni dwar it-triq li tista ssir. Il-kunsillier L Vella ppropona li għandna nkomplu l-parti ta' triq il-Kbira mit-tlett siġriet sa kantuniera ma triq San Vinċenz. Il-kunsillier N Dimech issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 p.m. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar l-Erbgħa 9 ta' Mejju, 2007 fl-4.30pm

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**